Għaddew xi għaxar dqieqiet u dehru żewġ nisa mexjin qajl-qajla u jitħaddtu bejniethom. Qorbu u kliemhom sar jiftiehem sewwa; waħda kienet tgħid lil l-oħra: "Jaħasra! Kif tista' tgħix martu, b'erba' wlied? Misħuta l-lifgħa! kif qerditu!"

"Hawn, ara, l-imkien fejn qaristu", wieġbet l-oħra, turi b'sebagħha ġenb it-triq fejn kienu staħbew il-lifgħa u l-ġurdiena awl-il-lejl.

"Smajtha x'qalet?" saffret il-lifgħa kif in-nisa tbiegħdu. "Issa ma tistâx tiċħadli! Miet ir-raġel li gdimt int, għalkemm int bla semm: għâx dak li gdimt jien, għalkemm semmemtu! Emmen mela, darba għal dejjem, li n-nies aktarx joqtlu lilhom infushom, u le d-deni li jiġrilhom!"

"Irbaħthieli b'kollox!" wieġbet il-ġurdiena. "Tarax! għalhekk il-għaġuża ma tridx tmut: aktar ma tikber aktar titgħallem:" "U aktar ma titgħallem aktar jiswielek!" wieġbet il-lifgħa.

G. B.

* * *

Il-kittieb tagħna G. B. li qiegħed Ġerusalemm, fil-manuskritt ta' din il-ħrafa għarbija li għoġbu jibagħtilna għall-Malti, żamm xi kliem u xi għidud kif inhuma fil-għarbi, bla ma qagħad jara li dawn, meta daħlu fi lsienna, "ħallsu d-dazju" biex saru maltin. Insemmu tnejn.

(1) *Lifgha* (bl-artikolu *il-lifg'ha*), niżżilha *ifgha* (bl-artikolu *l-ifgha*) u taħt, għamel din it-tagħrifa żgħira:

"Aħna l-Maltin ngħidu u niktbu ħażin *lifgħa*, għax inwaħħlu l-lam *it-tagħrif* ma' l-isem, waqt li m'għandux ikun hekk: għandna mela ngħidu u niktbu *ifgħa* u mhux *lifgħa*; *abra* u mhux *labra*; *ma* u mhux *ilma*."

Il-kliem malti *lifgha*, *labra*, *ilma* tassew li ġejjin mill-għarbi *ifgha*, *abra*, *ma*, imma l-Malti dejjem iħosshom b'ellquddiemhom li saret ħaġa waħda magħhom u li minn kliem bil-għarbi għamlithom kliem bil-malti. Hekk ukoll il-kelma taljana *asta* bil-malti saret *lasta* u bl-artikolu ġiet *il-lasta*. Din tissejjaħ *prothesis*.

Bil-maqlub: l-*elle* tal-kelma taljana *lettera*, fil-malti, waqgħet u l-kelma maltija hi *ittra*, bla artikolu, u *l-ittra* bl-artikolu. Din tissejjaħ *aphœresis*.

Aħna, fil-waqt li nagħirfu minn fejn tkun ġejja l-kelma, għandna niktbuha kif qagħdet biex saret maltija.

(2) G. B. kiteb *min ma jmut* u aħna sewwejnieha *mix ma jmutx*, għax in-negattiv, tal-malti, iktarx hu *ma......x(ejn)*, mhux għal kollox bħall-għarbi li dan jagħmel *ma......bis* quddiem il-verb.

(N. tad-D.)

# "INT ALLA ĦANIN"

Bla bidu,
bla tmiem,
fik mogħni
bis-sliem,
fl-imgħoddi,
fli ġej,
min bħalek,
Mulej?
Tal-ħlejjaq
is-Sid,
fik jibda
kull ġid:
f'setegħtek
din l-art
bi ġmielha
sawwart,
u tagħha
fil-ħdan
lil bniedem
sultan
mort tqiegħed,
u l-ġieh,
tagħ iben
tatih.
Hu regħxek
u miel
fuq ħolma
ta' ġmiel
qarrieqi:
iżd'Int
lil ħati
weżint
u, twajjeb,
mill-ġdid
meddejtlu
dik l-id
li kienet
mix-xejn
ħalqitu:
darbtejn
hekk Inti
fissirt
ta' mħabbtek
il-wirt.
Oh Fidwa!
Oh Sebħ
ta' hena
ta' rebħ!
Fik tjieba,
fik ġieh,
fik nisel
sabiħ.
Mhux minnek
ikun
jekk bniedem
miġnun
jintilef
u jdub
fir-rwiefen
tad-dnub,
għax Inti,
Mulej,
tal-midneb
Feddej:
salibek
ħaddant
u 'l-Għadu
rażżant;
ta' qalbek
għal ħbieb
ftaħt beraħ
il-bieb
u f'demmek
mgħammdin
iġġed'du
l-ħatjin.
Tal-ħlejjaq
is-Sid,
fawwara
ta' ġid,
ma tinsa
lil ħadd,
bik mogħni
kullħadd.
Jekk saħħa,
jekk mard,
jekk għomma,
jekk bard;
fil-ħidma
fis-serħ,
fin-niket,
fil-ferħ
kull siegħa,
kull ħin,
int Alla
ħanin. (1)

Dun Karm.

(1) Għażilt dawn il-versi qosra ta' tliet sillabi, bir-rima mqabbża, li fil-malti għadhom ma dehrux, biex nuri li l-lsien tagħna jista' jidħol f'kull tifsila ta' poeżija, u li r-rimi ma jonqsux, anqas meta trid waħda kull ħames sillabi, kemm-il-darba jkun hemm ftit tal-qalb u tar-rieda tajba.